**55. Ħarqa mhix fisqija,**
**Magħmudija mhix quċċija,**
**Skufja mhix kappun,**
**U ilma fietel mhux misħun.**

**56. Dielja mhix kannizzata,**
**Ċoff mhux ingravata,**
**Fardal mhux vavalor,**
**U trabuxu' m'huwiex timplor.**

**57. Żwieġ mhux għerusija,**
**Dota mhix bjankerija,**
**Tfarfira mhix togħrik,**
**U bħura mhix tberik.**

**58. Qafas mhux gabjetta,**
**Stanga mhix ganġetta,**
**Għattuqa mhix serduq,**
**U min inaqqar le ma jduq.**

# IL-LEĠĠENDA TAL-IMPUXI F'BORMLA

Angelo Dougall

**Xi snin ilu kont smajt leġġenda f'Bormla li ftit tassew huma dawk li donnhom semgħu biha. Se nirrakkuntaha kif kont smajtha minn għand patri xiħ Tereżjan fil-kunvent tagħhom ta' Santa Tereża f'Bormla u qrib il-kamra fejn kien ġara l-każ tal-imsejken "Impuxi", li kien strangulat, jew fgat, mill-idejn goffi tal-manigoldi, pulikarji. żbirri, u paladini (*bodyguards*) tal-Granmastru nnifsu ta' dak iż-żmien. Dawn kellhom arja wisq kbira waqt li kienu jkunu jakkumpanjaw lill-Granmastru.**

Kien x'kien dan l-Impuxi ma nafx, u lanqas naf x'kien għamel biex mar jistkenn fl-immunita' tal-knisja u tal-kunvent ta' Santa Tereża. Mid-dehra, kien bniedem aħrax u mqareb; imma suppost li kemm il-knisja u kemm il-kunvent kienu jgawdu "l-immunita' ekkleżjastika".

Żmien ilu (daqs tliet mitt sena u fuqhom sewwa), il-ġnien tat-Tereżjani f'Bormla kien akbar, u fih kien hemm belveder li kien iħares fuq dik id-daħla ta' baħar ta' bejn il-Maċina fl-Isla, u l-Birgu, ngħidu aħna fejn illum hemm l-istatwa ta' Sant Elija. Minn dak il-belveder il-patrijiet kienu jistgħu jitgħaxxqu fis-skiet b'dik il-panorama majestuża.

**IL-LEĠĠENDA**

Mela darba waħda l-Gran Mastru, imdawwar bil-paġġi, kavallieri, paladini, żbirri, eċċetra eċċetra kien għaddej mal-moll fi triqtu lejn il-Birgu, meta dan l-Impuxi (forsi laqmu tnissel mill-kelma "nibex"?) telaq b'ġirja għall-belveder u minn hemm beda jagħti xebgħa tgħajjir lill-Granmastru, lill-kavallieri, u lil dawk kollha li kien hemm madwaru. Il-Granmastru u l-kavallieri ma felħux għal dik ix-xebgħa tgħajjir u nsulti, u xi kavallieri u paladini marru b'rabja u furja fuqhom, sfrundaw il-bieb tal-kunvent, daħlu għalih ikissru, u addio l-immunita'. Sabuh, lill-imsejken Impuxi, jistaħba fil-kamra tiegħu, u wara li sfrakassawh bid-daqqiet u x-xebgħa li tawh, safa minnhom strangulat (fgat) mill-idejn goffi tal-paladini. L-Impuxi ġie maqtul fil-post. Il-kamra għadha sallum magħrufa bħala l-kamra tal-Impuxi; l-ewwel kamra fuq il-lemin int u tiela' t-taraġ għall-kunvent.

Naturalment, saru wara ħafna protesti, appelli u kontrappelli, u saħansitra l-każ wasal Ruma għand il-Papa; ...imma daqshekk naf! U naf biss li kont inkun għaddej fil-qrib ta' dik il-kamra u kont inħoss bħal tkexkix niftakar f'dik il-ġrajja kiefra u vjolenti.

© Angelo Dougall



**Il-kunvent ta' Santa Tereża f'Bormla**